# RMIED

Kienet sabiħa, w rajtha tniżżel rasha
quddiem is-saċerdot. Bħal lejl kien iswed
l-istar fuq ġbinha, u l-ħlewwa ta' ħarsitha
qatt ma refgħet minn l-art, anqas idejha
ma ħallet minn xulxin.
Magħluq fi ħsiebu,
għamel salib bir-rmied fuq ras ix-xebba
il-Bniedem t'Alla w: "Ftakar" lissen, "mara,
li inti trab u tarġa' trab..........................
............................................Miġbura
f'dik it-twissija, ħarġet qajla qajla
mill-knisja x-xebba w ma xerdetx ħarsitha
mat-trîq hi-u-għaddejja. Bosta fuqha
għajnejn intefgħu, u mxew magħha; bosta
qlub ħabbtu mgħaġġel bħal-ma-kien imgħaġġel
id-daqq tal-passi tagħha; u meta wrajha
ingħalaq bieb li ħbiha minn kull ħarsa,
baqgħet l-għajnejn tixtieq u l-qlub titniehed.

L-ewwel jum tar-Randan.
1932

**Dun Karm.**